



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 54/16

Il-Lussemburgu, 31 ta' Mejju 2016

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-157/15
Samira Achbita u Centrum voor gelijkheid van kansen en voor
racismebestrijding vs G4S Secure Solutions NV

Skont l-Avukat Ġenerali Kokott, projbizzjoni ta' velu f'kumpannija tista' tkun ammissibbli

Jekk il-projbizzjoni tkun ibbażata fuq regola ġenerali tal-kumpannija, li tipprovdi li fuq il-post tax-xogħol huma pprojbiti simboli politiċi, filosofiċi u reliġjużi viżibbli, din tista' tkun iġġustifikata sabiex tiġi implementata l-politika leġittima ta' newtralità reliġjuża u ideoloġika segwita mill-persuna li timpjega

Samira Achbita, ta' twemmin Musulman, kienet impjegata bħala receptionist fl-impriża Belġjana G4S Secure Solutions, li tipprovdi servizzi ta' sorveljanza u ta' sigurtà, kif ukoll servizzi ta' akkoljenza. Meta, wara tliet snin ta' xogħol mal-impriża, hija insistiet li tkun tista' tidher ix-xogħol b'velu Iżlamiku, hija tkeċċiet minħabba li fl-impriża G4S huwa pprojbit li jintlibsu simboli reliġjużi, politiċi u filosofiċi viżibbli. Sostnuta miċ-ċentru Belġjan għall-opportunitajiet ugwali u għall-ġlieda kontra r-rażziżmu, hija ressqet talba quddiem il-qorti Belġjani għal kumpens għad-danni mingħand G4S, fl-ewwel żewġ istanzi mingħajr suċċess. Il-qorti ta' kassazzjoni tal-Belġju, li issa hija adita bil-kawża, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan il-kuntest, sabiex tikkonkretizza l-projbizzjoni li tinsab fid-dritt tal-Unjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew l-ideoloġija.¹

L-Avukat Ġenerali Juliane Kokott tadotta, fil-konklużjonijiet tagħha tal-lum, l-opinjoni li ma teżisti **l-ebda diskriminazzjoni diretta** bbażata fuq ir-reliġjon meta impjegata ta' twemmin Musulman tiġi pprojbita milli tilbes velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol, jekk din il-projbizzjoni tkun ibbażata fuq regola ġenerali tal-kumpannija li tipprojbixxi simboli politiċi, filosofiċi u reliġjużi viżibbli fuq il-post tax-xogħol, u ma tkunx ibbażata fuq stereotipi jew preġudizzji kontra reliġjon speċifika jew diversi reliġjonijiet speċifiċi jew kontra konvinzjonijiet reliġjużi b'mod ġenerali. F'każ bħal dan, ma jeżistix trattament inqas favorevoli *ibbażat fuq ir-reliġjon*.

Huwa minnu li l-projbizzjoni inkwistjoni tista' tikkostitwixxi **diskriminazzjoni indiretta** bbażata fuq ir-reliġjon², iżda **madankollu din tista'**³ **tiġi iġġustifikata**, sabiex tiġi implementata f'kumpannija partikolari politika leġittima segwita mill-persuna li timpjega⁴ ta' newtralità reliġjuża u ideoloġika, sakemm jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'każ bħal dak inkwistjoni hawnhekk, l-istħarriġ tal-proporzjonalità huwa kwistjoni delikata li, fir-rigward tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali – b'mod partikolari l-qorti nazzjonali – ċertu marġni ta' diskrezzjoni, li jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu b'osservanza stretta tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, f'dan il-każ hija **fl-aħħar mill-aħħar il-qorti tal-kassazzjoni tal-Belġju** li għandha ssib bilanċ ġust bejn l-interessi kunfliġġenti fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ speċifiku (b'mod partikolari, id-daqs u n-natura kospikwa tas-

¹Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79). Għal finijiet ta' semplifikazzjoni, iktar 'il quddiem ser tintuża biss "diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon".

²Fil-prattika, ir-regola tista' tqiegħed lil persuni ta' reliġjonijiet jew ta' konvinzjonijiet speċifiċi – f'dan il-każ, persuna impjegata ta' twemmin Musulman – fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' impjegati oħra.

³Bħala rekwiżit professjonali essenzjali, determinanti u leġittimu fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva.

⁴Il-politika ta' newtralità inkwistjoni ma tmurx lil hinn mil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-impriża. Din hija assolutament neċessarja, mhux biss minħabba d-diversità tal-klijentela, iżda wkoll minħabba n-natura partikolari tal-attivitajiet imwettqa mill-persunal ta' G4S. Dawn huma kkaratterizzati minn kuntatt kostanti wiċċ imb'wiċċ ma' persuni esterni u għall-immagħni ta' G4S innifisha, iżda fuq kollox ukoll għall-immagħni pubblika tal-klijenti tagħha.

simbolu reliġjuż, it-tip ta' attività ta' S. Achbita u l-kuntest li fih hija kienet teżerċita l-attività tagħha), kif ukoll l-identità nazzjonali Belġjana.

Madankollu, fil-fehma ta' J. Kokott, fil-prinċipju ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-projbizzjoni inkwistjoni hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu ta' newtralità reliġjuża u ideoloġika segwit minn G4S. Il-projbizzjoni tikkostitwixxi wkoll miżura **neċessarja** għall-implementazzjoni ta' din il-politika tal-kumpannija. Fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma ġewx identifikati alternattivi inqas restrittivi u madankollu ugwalment xierqa.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proporzjonalità fis-sens strett tal-kelma, l-opinjoni ta' J. Kokott tinkludi bosta elementi li jindikaw li l-projbizzjoni inkwistjoni f'dan il-każ ma tippreġudikax b'mod eċċessiv l-interessi leġittimi tal-impjegati nisa kkonċernati u għaldaqstant għandha titqies li hija proporzjonata.

Huwa minnu li r-reliġjon hija, għal ħafna nies, parti importanti tal-identità personali tagħhom u li l-libertà tar-reliġjon hija waħda mill-bażijiet ta' soċjetà demokratika.

Iżda, filwaqt li persuna impjegata ma tistax "tħalli fil-gwardarobba" l-ġeneru, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika, l-orjentazzjoni sesswali, l-età jew id-diżabbiltà tagħha, ladarba tidħol fl-istabbiliment tal-persuna li timpjegaha, hija tista' tkun mistennija żżomm ċerta riżervatezza fir-rigward tal-prattiki reliġjużi tagħha fuq-post tax-xogħol, kemm jekk ikun fir-rigward ta' Prattiki reliġjużi, aġir immotivat mir-reliġjon jew – bħalma huwa l-każ hawnhekk – fir-rigward tal-ilbies tagħha. Il-livell ta' riżervatezza li jista' jintalab minn persuna impjegata jiddependi minn eżami globali taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ speċifiku.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkun għew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeċideraw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106